KULLEĠĠ SAN BENEDITTU
Boys' Secondary, Kirkop

Mark

HALF-YEARLY EXAMINATION – 2012/13

Track 2 (AS)

FORM 4 **STUDJI SOĊJALI** **ĦIN: 1h 30min**

Taqsima	A	B	C	D	E	F	Marka Globali
Marka Massima	10	15	10	25	20	20	100
Marka							

DO NOT WRITE ABOVE THIS LINE

Isem: ____________________________________ **Klassi:** ___________

A. Aqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba u agħti r-raġuni għat-tweġiba tiegħek:

1. Il-proċess tas-soċjalizzazzjoni jġib il-kontroll fis-soċjeta'. Veru/Falz
Raġuni: ____

2. *No man is an island* tfisser li ħadd ma jista' jgħix waħdu. Veru/Falz
Raġuni: ____

3. Aħna ngħixu f'komunita' u l-komunitajiet kollha flimkien jagħmlu soċjeta'. Veru/Falz
Raġuni: ____

4. Fis-soċjetajiet tal-lum, kulħadd huwa indaqs u ma jeżistu l-ebda inugwaljanzi. Veru/Falz
Raġuni: ____

5. Illum il-ġurnata, insibu lir-raġel bħala l-kap tal-familja. Veru/Falz
Raġuni: ____

(5 x 2 = **10 marki**)

B. **Imla l-vojt billi tagħżel il-kelma t-tajba:**

dritt	lingwa	grupp soċjali	komunita’
titgħallem	relazzjonijiet	konflitti	stratifikazzjoni
drawwiet	inugwaljanzi	dmir	simetrika
soċjalizzazzjoni primarja	kultura	aġenti	

1. Kull persuna tagħmel parti minn ______________________________.

2. Minn meta titwieled, persuna tibda ____________________________ kif għandha ġġib ruħha mal-oħrajn.

3. _______________________ hu magħmul minn żewġ persuni jew aktar li jikkomunikaw flimkien.

4. Filwaqt li ____________ huwa dak li inti għandek tagħti, ______________ huwa dak li inti għandek tieħu fis-soċjeta’.

5. ___________________________________ tirreferi għall-ewwel tagħlim li aħna nieħdu matul ħajjitna.

6. ______________________ huma dawk in-nies li jgħallmuna matul ħajjitna.

7. Matul ħajjitna nibnu _________________________ ma’ persuni oħra għax inħossu bżonn li nikkomunikaw magħhom.

8. Xi kultant jinqalgħu xi _______________ bejnietna minħabba xi nuqqas ta’ qbil, li rridu nsolvuhom għall-ġid tagħna lkoll.

9. Il-___________________ hi importanti għax tagħti l-identita’ lill-pajjiż.

10. Il-valuri u t-teknoloġija huma żewġ fatturi importanti biex ngħarfu kultura minn oħra. Iż-żewġ fatturi ’l oħra huma:

a) ___________________
b) ___________________

11. _______________________ soċjali hi l-mod kif inhi maqsuma s-soċjeta’ fi klassijiet soċjali.

10. Familja fejn il-koppja għandhom l-istess drittijiet u responsabbiltajiet hija familja ____________________.

11. Meta f’soċjeta’, jkun hemm xi nies li jkunu trattati differenti minn ħaddieħor ngħidu li jkun hemm l-________________________.

(15 x 1 = **15-il marka**)

C. Agħżel billi timmarka t-tweġiba t-tajba:

1. Soċjalizzazzjoni sekondarja hi t-tagħlim li nieħdu
a. fl-ewwel snin ta' ħajjitna
b. minn meta nibdew nattendu l-iskola sa ma mmutu
c. minn tal-familja

2. Familja estiża hi waħda
a. li nsibu llum il-ġurnata
b. li kienet komuni fiż-żminijiet ta' qabel
c. li ma tispiċċa qatt

3. F'soċjeta' multikulturali
a. issib ħafna kulturi
b. issib kultura waħda biss
c. issib turisti biss

4. Aġenti tas-socjalizzazzjoni huma
a. prinċipji tajbin li s-soċjeta' timxi fuqhom
b. kastigi li naqilgħu meta nagħmlu xi ħaġa ħażina
c. ġenituri, għalliema, ħbieb, katekisti

5. Valuri huma
a. prinċipji tajbin fis-soċjeta'
b. dik li turi jien min jien
c. regoli fis-soċjeta'

6. Grupp primarju huwa
a. grupp fejn il-membri jkunu jafu sew lil xulxin
b. ħafna nies li ma tkunx tafhom
c. grupp kbir tal-iskola

7. L-istil ta' ħajja tal-familja Maltija
a. dejjem jibqa' l-istess
b. jinbidel minn żmien għal żmien
c. hu li t-tfal jiġġieldu

8. L-inugwaljanza soċjali sseħħ meta
a. in-nies ikunu kuntenti
b. mhux kulħadd jiġi stmat indaqs
c. kulħadd ikun meqjus l-istess

9. Grupp ta' pressjoni hu
a. li taħdem waħdek
b. li l-membri jkollhom pressjoni għolja
c. li ssemma' leħnek biex tbiddel l-ideat tas-soċjeta'

10. Mobbilita' soċjali sseħħ meta
a. tuża l-karozza biex tmur minn post għall-ieħor
b. ma tkunx tista' ssib xogħol
c. in-nies ibiddlu xogħolhom u jimxu minn klassi soċjali għall-oħra (10 x 1 = **10 marki**)

D. **Aqra dan il-paragrafu u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA:**

Il-poeta Ingliż John Donne kien stqarr: "L-ebda bniedem mhu gżira (No man is an island)". Ir-relazzjoni ma' bnedmin oħra hija l-ħobż tal-ħajja tal-bniedem. Aħna nikbru u niżviluppaw frott ta' kemm u kif nagħmluha ma' ħaddieħor.

Silta meħuda minn 'Ninvestigaw is-soċjeta'

1. Għalfejn il-bniedem ma jistax jgħix waħdu? (3)

2. Matul ħajtu, il-bniedem jieħu l-proċess tas-soċjalizzazzjoni. X'nifhmu meta ngħidu l-proċess ta' soċjalizzazzjoni? (3)

3. Għalfejn hu importanti dan il-proċess? (3)

4a. Min huma l-aġenti primarji ta' dan il-proċess? (2)

4b. Agħti **ŻEWĠ** eżempji. (2)

5. Li l-bniedem iħossu parti minn soċjeta' hu importanti. Għaliex? (3)

6. F'soċjeta' insibu nies ta' kulturi differenti. Għalfejn għandek tirrispetta kulturi differenti? (3)

7. F’pajjiżna, insibu li ċerti nies huma razzisti għax ma jaċċettawx nies ta’ kulturi differenti.
Semmi **TLETT** affarijiet ta’ kif persuna tista’ tkun razzista. (3)

8. Semmi **TLIET** drawwiet li nsibu fil-kultura Maltija. (3)

25 marka

E. **Wieġeb fid-dettall il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin:**

1. X’inhi d-differenza ta’ bejn **peer group** u **pressure group**?

(5 marki)

2. Kif qed tinbidel il-familja Maltija matul iż-żminijiet?

(5 marki)

3. Illum il-ġurnata, l-anzjani sar għandhom irwol importanti ħafna fil-familja. Iddiskuti.

(5 marki)

4. L-istratifikazzjoni soċjali ġġib magħha xi inugwaljanzi fis-soċjeta’. Għalfejn?

(5 marki)

20 marka

F. ***Fuq karta separata,*** **Agħżel numru WIEĦED u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwaru:**

1. Il-familja hi importanti kemm għall-individwi u kif ukoll għas-soċjeta'. Iddiskuti.

2. Il-kultura tagħtina l-identita' tagħna bħala Maltin. Spjega din is-sentenza filwaqt li tikteb dwar xi karatteristiċi li nsibu fil-kultura Maltija.

3. Is-soċjalizzazzjoni hi proċess li jseħħ tul il-ħajja tal-bniedem.

a. Xi tfisser 'soċjalizzazzjoni'?

b. Semmi tliet aġenti tas-soċjalizzazzjoni u ikteb dwar l-irwol tagħhom fis-soċjalizzazzjoni.

4. L-istratifikazzjoni u l-klassijiet soċjali jeżistu f'kull soċjeta'.

a. Semmi TLIET klassijiet soċjali li nsibu f'Malta.

b. Spjega x'insibu f'dawn il-klassijiet soċjali.

c. X'tifhem b'mobbilita' soċjali? Semmi xi fatturi li jwasslu għall-mobbilita' soċjali.

20 marka